

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-002777/2021

lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Dragoș Tudorache (Renew), **Alin Mituța** (Renew), **Vlad-Marius Botoș** (Renew), **Olivier Chastel** (Renew), **Dragoș Pîslaru** (Renew), **Markéta Gregorová** (Verts/ALE), **Maria Grapini** (S&D), **Eugen Tomac** (PPE), **Nathalie Loiseau** (Renew), **Cyrus Engerer** (S&D), **Sara Skyttedal** (PPE), **Klemen Grošelj** (Renew), **Andrus Ansip** (Renew), **Ivars Ijabs** (Renew), **Nils Torvalds** (Renew), **István Ujhelyi** (S&D), **Carmen Avram** (S&D), **Martin Hojsík** (Renew), **Aušra Maldeikienė** (PPE), **Ilhan Kyuchyuk** (Renew), **Laurence Farreng** (Renew), **Morten Løkkegaard** (Renew), **Lucia Āuriš Nicholsonová** (Renew), **Karen Melchior** (Renew), **Tineke Strik** (Verts/ALE), **Radka Maxová** (S&D), **Nicola Beer** (Renew), **Vlad Gheorghe** (Renew), **Róża Thun und Hohenstein** (PPE), **Angel Dzhambazki** (ECR), **Andrey Slabakov** (ECR), **Franc Bogovič** (PPE), **Attila Ara-Kovács** (S&D), **Samira Rafaela** (Renew), **Anna Júlia Donáth** (Renew), **Nicolae Ștefănuță** (Renew), **Roberts Zīle** (ECR), **Jan-Christoph Oetjen** (Renew), **Gheorghe Falcă** (PPE), **Pernille Weiss** (PPE), **Rasa Juknevičienė** (PPE), **Michal Šimečka** (Renew), **Mauri Pekkarinen** (Renew), **Bronis Ropė** (Verts/ALE), **Mario Furore** (NI), **Frédérique Ries** (Renew), **Fabienne Keller** (Renew), **Hannah Neumann** (Verts/ALE), **Ivan Štefanec** (PPE), **Maite Pagazaurtundúa** (Renew), **Linea Søgaaard-Lidell** (Renew), **Ramona Strugariu** (Renew), **Adrián Vázquez Lázara** (Renew), **Niels Fuglsang** (S&D), **Stelios Kypouropoulos** (PPE)

Suġġett: Piraterija u terroriżmu bl-ajru sponsorizzati mill-Istat Belarussu

L-Ewropa ma tistax toqgħod b'idejha fuq żaqqha waqt li dittatur jikkommetti atti ta' piraterija u terroriżmu bl-ajru sponsorizzati mill-Istat. Il-bdil tar-rotta ta' ajruplan li jgħorr passiġġieri min-naħa tad-dittatur Belarussu Lukashenko jikkostitwixxi attakk fil-konfront taċ-ċittadini Belarussi u Ewropej. Fid-dawl ta' dawn il-ġrajjet skandalużi, nixtiequ nitolbu lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) jgħidilna b'termini ċari, diretti u inekwivokabbli liema miżuri biħsiebu jieħu biex jiddefendi l-interessi u l-valuri tal-UE.

1. Kif biħsiebu l-VP/RGħ jissanzjona d-dittatur, lil hinn mis-sempliċi retorika, għal dan l-att gravi ta' piraterija? B'mod speċifiku, il-VP/RGħ biħsiebu jitlob l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet immedjati u kkoordinati fil-konfront ta' Lukashenko u tal-akkoliti tiegħu u l-UE biħsiebha tissospendi t-traffiku bl-ajru Ewropew kollu minn fuq l-ispazju tal-ajru tal-Belarussja jew dirett lejn il-pajjiż?
2. Liema azzjonijiet konkreti biħsiebu jieħu l-VP/RGħ biex jiggarantixxi l-ħelsien immedjat ta' Roman Protasevich, ta' seħbitu u ta' nies oħra arrestati f'dan l-att ta' terroriżmu, u x'messaġġ biħsiebu jagħti lill-vjaġġaturi Ewropej kollha li jafdaw fl-UE u fil-kapaċità tagħha li tiżguralhom is-sigurtà meta jsiefru?
3. Att bħal dan ma kienx ikun jista' jsir mingħajr l-approvazzjoni taċita jew saħansitra s-sostenn tal-alleanza prinċipali ta' Lukashenko, Vladimir Putin. B'liema mod dan se jkollu riperkussjonijiet fuq il-pożizzjoni tal-VP/RGħ fil-konfront tar-reġim tal-Kremlin?